A.L. 227 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol.

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurtà, fuq il-Post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall Politika Soċjali, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u applikabbilita

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurta tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jiġu stipulati rekwiżiti minimi għall-protezzjoni ta' ħaddiema minn riskji għas-saħħa u s s-sigurtà tagħhom li jkunu ġejjin, jew x'aktarx ikunu ġejjin mill-effetti ta' aġenti kimiċi li jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol jew bħala riżultat ta' xi attività tax-xogħol li tkun tinvolvi aġenti kimiċi.

(3) Dawn r-regolamenti japplikaw fejn ikun hemm preżenti, jew jista' jkun hemm preżenti, aġenti kimiċi perikoluži fil-post tax-xogħol, u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonjiet dwar aġenti kimiċi li għalihom japplikaw miżuri għall-protezzjoni mir-radjazzjoni skond regolamenti oħra li jistgħu jiħu preskritti.

(4) Dawn r-regolamenti għandhom japplikaw għall-karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet aktar stretti u, jew speċifiċi li jkunu jinsabu f'xi liġi oħra jew regolament ieħor dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għall-karċinoġeni u mutaġeni.

(5) Sa fejn għandu x'jaqsam mat-trasport ta' aġenti kimiċi perikoluż, d-dispozizzjonijiet ta' dawn r-regolamenti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet aktar stretti u, jew speċifiċi li jkunu jinsabu f'xi liġi oħra jew regolament ieħor.

Interpretazzjoni

2. F'dawn r-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma' tkunx teħtieġ xort'oħra:

"aġent kimiku" tfisser kull element jew kompost kimika, waħdu jew mħallat, fl-istat naturali tiegħu jew kif prodott, użat jew rilaxxat, inkluż rilaxxat bħala skart, minn kull attività ta' xogħol, sew jekk prodott intenzjonalment jew le sew jekk hux imqiegħed fis-suq jew le;

"aġent kimiku perikoluż" tfisser:

(i) kull aġent kimiku li jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza perikoluża elenkata fl-Iskeda IV;

(ii) kull aġent kimiku li jissodisfa l-kriterji biex ikun klassifikat bħala preparazzjoni perikoluża kif jinftiehem fid-Direttiva 88/379/EEC, kemm jekk dik il-preparazzjoni tkun klassifikata taħt id-Direttiva u kemm jekk le, ħlief għal dawk il-preparazzjonijiet li jilħqu biss il-kriterji biex ikunu klassifikati bħala li jagħmlu ħsara lill-ambjent;

(iii) kull aġent kimiku li, filwaqt li ma' jilħaqx l-kriterji għall-klassifikazzzjoni bħala perikoluż skond (i) jista', minħabba fil-proprjetajiet fiżiko kimiċi, kimiċi jew tossikoloġiċi tiegħu u l-mod kif dan jintuża jew hu preżenti fuq il-post tax-xogħol, joħloq riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluż kull aġent kimiku li huwa moghti valur ta' limitu li għalih wieħed jista' jkun ta' esposizzjoni fuq il-post tax-xogħol taħt ir-regolament 3.

Kap. 424

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"attività li tinvolvi aġenti kimiċi" tfisser kull xogħol fejn aġenti kimiċi jintużaw, jew ikunu maħsuba li jintużaw, f'kull proċess, inklużi l-produzzjoni, il-maniġġ, il-ħażna, it-trasport jew it-tneħħija u t-trattament, jew li jirriżultaw minn xogħol bħal dak;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol stabbilita b'artikolu 8 tal-liġi;

"periklu" tfisser il-karatteristika intrinsika ta' aġent kimiku bil-potenzjal li joħloq periklu;

"riskju" tfisser il-possibilita' illi l-potenzjal ta' periklu jintlaħaq taħt il-kondizzjonijiet ta' użu u, jew espożizzjoni;

"sorveljanza tas-saħħa" tfisser l-eżami ta' ħaddiem individwali sabiex jiġi determinat l-istat ta' saħħa ta' dak l-individwu, kif relatat ma'l-esposizzjoni għal aġenti kimiċi speċifiċi fuq il-post tax-xogħol;

"valur ta' limitu bijoloġiku" tfisser il-limitu tal-konċentrazzjoni fil-mezz bijoloġiku addatt ta'l-aġent rilevanti, il-prodott tal-metaboliżmu tiegħu, jew indikatur ta' l-effett;

"valur ta' limitu ta' esposizzjoni fuq il-post tax-xogħol" tfisser, sakemm ma' jiġix speċifikat xort'oħra, il-limitu tal-medja mkejjla skond iż-żmien tal-konċentrazzjoni ta' aġent kimiku fl-arja fiż-żona respiratorja ta' ħaddiem rigward perjodu ta' referenza speċifiku;

Valuri ta' limitu ta'esposizzjoni fuq il-post tax-xogħol u valuri ta' limitu bijoloġiċi

3. Il-valuri ta' limitu ta' esposizzjoni fuq il-post tax-xogħol għal aġenti kimiċi għandhom ikunu dawk elenkati fl-Iskeda V li tinsab ma'dawn r-regolamenti, u dawk l-oħra kollha li jistgħu jiġu ordnati minn żmien għal żmien.

Determinazzjoni u ezami ta'riskju ta' agenti kimici perikoluzi

4 (1) Min iħaddem għandu jara jekk ikunx hemm preżenti fil-post tax-xogħol xi aġenti kimiċi perikoluži, u għandu:-

(a) jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, fost l-oħrajn fl-għażla ta' l-apparat tax-xogħol, tas-sustanzi kimiċi jew preparazzjonijiet użati, u t-tagħmir ta' postijiet tax-xogħol, u kif meħtieġ għandu:

- jiżgura li jittejjeb l-livell ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema rigward is-saħħa u s-sigurtà,

- ikun integrat fl-attivitajiet kollha ta' l-impriża u, jew ta' l-istabbiliment u fil-livelli kollha tal-ġerarkija;

(b) meta jagħti xi xogħol lil ħaddiem, iqis x'ikunu l-kapaċitajiet tal-ħaddiem rigward is-saħħa w is-sigurtà;

(c) jiżgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknoliġiji ġodda ikunu s-suġġett ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom, rigward il-konsegwenzi ta' l-għażla ta' l-

apparat, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(d) jieħu miżuri adatti sabiex jiżgura li huma biss il-ħaddiema li jkunu rċevew istruzzjonijiet xierqa li jista' jkollhom aċċess għażżoni fejn ikun hemm xi periklu serju u speċifiku;

(e) ikollu fil-pussess tiegħu evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, inklużi dawk li jiffaċċaw gruppi ta' ħaddiema esposti għal xi riskji partikolari;

(f) jiddeċiedi dwar il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu u, jekk ikun hemm bżonn, l-apparat protettiv li għandu jintuża;

(g) iżomm lista ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol li jwasslu biex ħaddiem ma' jkunx jista' jmur għax-xogħol għal aktar minn tlett ijiem tax-xogħol;

(h) jagħmel rapport lill-Awtorità dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol li jġarrbu l-ħaddiema tiegħu, u jibgħathomlha mingħajr ebda dewmien.

(2) F'kull każ fejn fil-post tax-xogħol ikun hemm preżenti aġenti kimiċi, min iħaddem għandu jeżamina kull riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kaġunat mill-preżenza ta' dawk l-aġenti kimiċi, filwaqt li jqis dan li ġej:

(i) il-proprjetajiet perikolużi tagħhom;

(ii) l-informazzjoni fuq s-saħħa u s-sigurtà provduta mill-fornitur, inkluż il-*Material Safety Data Sheet* rilevanti, kopja relattiva għandha tinżamm fil-post tax-xogħol u tkun disponibbli għall ħaddiema u, jew għar-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Żaddiema, kif ukoll għall-persuni maħtura minn min iħaddem skond ir-regolament 9 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

AL 36 ta' l-2003

(iii) il-livell, tip u tul ta' żmien u frekwenza ta' espożizzjoni;

(iv) iċ-ċirkostanzi tax-xogħol li jinvolvu dawk l-aġenti, inkluż l-ammont tagħhom;

(v) xi valuri ta' limitu indikattivi ta' esposizzjoni fuq il-post tax-xogħol jew valuri ta' limitu bijoloġiċi stabbiliti fit-territorju ta' Malta;

(vi) l-effett ta' miżuri preventivi mittieħda jew li ser jittieħdu;

(vii) meta jkunu disponibbli, il-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu minn xi sorveljanza tas-saħħa li tkun diġa' seħħet.

(3) Min Iħaddem għandu jikseb mingħand il-fornitur jew minn sorsi oħra li huma faċilment aċċessibbli, dik l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa biex isir l-evalwazzjoni tar-riskju. Meta jkun adatt, dik l-informazzjoni għandha tkun tinkludi l-evalwazzjoni speċifika rigward ir-riskju għall-utenti kif stabbilit abbażi ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar l-aġenti kimiċi.

(4) Min iħaddem għandu jkollu fil-pussess tiegħu evalwazzjoni tar-riskji msemmija fis-subregolament (1) paragrafi (e) sa (h) ta' dan ir-regolament, u għandu jidentifika liema miżuri jkunu ttieħdu skond ir-regolamenti 5 u 6 ta' dawn ir-regolamenti. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tiġi dokumentata f'forma adatta skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, u tista' tinkludi ġustifikazzjoni minn min iħaddem illi x-xorta u l-effetti kollha tar-riskji relatati ma' l-aġenti kimiċi jirrendu evalwazzjoni oħra dettaljata tar-riskju mhux neċessarju. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tinżamm aġġornata, partikolarment jekk kien hemm bidliet sinifikanti li setgħu għamlu din l-evalwazzjoni waħda mhux aġġornata, jew meta r-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa jkunu juru li din tkun neċessarja.

(5) Ċertu attivitajiet fl-impriża jew l-istabbiliment, bħal ma hi l-manutenzjoni, li dwarhom ikun jidher minn qabel li hemm potenzjal għal espożizzjoni sinifikanti jew li jistgħu jirriżultaw f'effetti li jagħmlu l-ħsara għas-saħħa u s-sigurta għal raġunijiet oħra, ukoll wara li jkunu ttieħdu l-miżuri tekniċi kollha, għandhom ikunu inklużi fl-evalwazzjoni tar-riskju.

(6) Fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu espożizzjoni għal għadd ta' aġenti kimiċi perikolużi, r-riskju għandu jkun evalwat abbażi tar-riskju ppreżentat minn dawk l-aġenti kimiċi kollha flimkien.

(7) Fil-każ ta' attività ġdida li tinvolvi aġenti kimiċi perikolużi, x-xogħol għandu jibda biss wara li tkun saret evalwazzjoni tar-riskju ta' dik l-attività u jkunu ġew implimentati il-miżuri preventivi identifikati kollha.

Prinċipji ġenerali għall-prevenzjoni ta' riskji.

5. (1) Fit-twettiq ta'l-obbligu tiegħu sabiex jiżgura s-saħħa tal-ħaddiema f'attività li tinvolvi aġenti kimiċi perikoluż min iħaddem għandu, minbarra l-miżuri stabbiliti f'dawn r-regolamenti, jieħu, fil-kuntest tar-responsabiltajiet tiegħu, il-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluża il-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol u l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ, u li jara wkoll li jkun hemm l-organiżżazzjoni u l-mezzi neċessarji. Min iħaddem għandu jkun konxju tal-bżonn li dawn il-miżuri jiġu mibdula biex jitqies kull tibdil fiċ-ċirkostanzi u bil-għan li jittejjbu sitwazzjonijiet eżistenti.

(2) Min iħaddem għandu jimplimenta l-miżuri msemmija fl-ewwel paragrafu tas-subregolament (1) skond il-ħtiġijiet tas-subartiklu 6 (2) ta'l-Att.

(3) Riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol li jinvolvu aġenti kimiċi perikoluż għandhom ikunu eliminati jew imnaqqsa għal dak li hu minimu permezz ta':

(a) l-iddisinjar u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' ħidma fuq l-post tax-xogħol,

(b) il-provvista ta' apparat xieraq għax-xogħol b'aġenti kimiċi u proċeduri ta' manutenzjoni li jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq l-post tax-xogħol,

(c) it-tnaqqis għal dak li hu minimu fin-numru ta' ħaddiema esposti jew li x'aktarx ser ikunu esposti,

(d) it-tnaqqis għal dak li hu minimu ta' dewmien u ta' intensita' ta'l-espożizzjoni,

(e) miżuri ta' iġjene xierqa,

(f) it-tnaqqis fil-kwantità ta' aġenti kimiċi preżenti fuq il-post tax-xogħol għal dak li hu minimament meħtieġ għat-tip ta' xogħol inkwistjoni,

(g) proċeduri ta' xogħol adatt inklużi arranġamenti għall-użu, irfieħ u trasport b'mod mhux perikoluż fuq il-post tax-xogħol ta' aġenti kimiċi perikoluż u l-iskart li jkun fih dawn l-aġenti kimiċi.

(4) Fejn r-riżultat tal-eżami msemmi fis-subregolament 4(1) juri riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għandhom japplikaw l-miżuri speċifiċi ta' protezzjoni, prevenzjoni u sorveljanza mogħtija fir-regolamenti 6, 7 u 10.

(5) Fejn r-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 4(1) juru li minħabba l-kwantitajiet ta'l-aġent kimiku perikoluż preżenti fuq il-post tax-xogħol hemm biss riskju żgħir għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, u l-miżuri meħuda skond is-subregolament (1) u (2) ta' dan ir-regolament huma biżżejjed sabiex inaqqsu dak r-riskju, d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 6, 7 u 10 ma għandhomx japplikaw.

Miżuri speċifiċi

6. (1) Min iħaddem għandu jiżgura illi r-riskju minn aġent kimiku perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jiġi eliminat jew imnaqqas għall-minimu.

(2) (a) Waqt li jkun applikat l-paragrafu 1, bi preferenza għandu jsir tibdil fejn min iħaddem għandu jevita l-użu ta' aġent kimiku perikoluż billi jibdlu b'aġent kimiku jew proċess li, taħt l-kundizzjonijiet ta' l-użu tiegħu, mhux perikoluż jew hu inqas perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, skond il-każ.

(b) Meta x-xorta ta' l-attivita ma' tippermettix li r-riskju jiġi eliminat b'sostituzzjoni, filwaqt li titqies attività u l-evalwazzjoni tar-riskju msemmi fir-regolament 4, min iħaddem għandu jiżgura illi r-riskju jitnaqqas għall-minimu permezz ta' l-applikazzjoni ta' miżuri protettivi u preventivi, konsistenti ma' l-evalwazzjoni tar-riskju magħmul konformement mar-regolament 4. Dawn għandhom jinkludu f'ordni ta'preċedenza:

(i) disinn ta' proċessi ta' xogħol xierqa u kontrolli b' inġinerija u użu ta' apparat u materjali adegwati, sabiex ikun evitat jew imnaqqas il-ħruġ ta' aġenti kimiċi perikolużi li jistgħu jikkaġunaw riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol;

(ii) applikazzjoni ta' miżuri protettivi kollettivi fis-sors tar-riskju, bħal ventilazzjoni adegwata u miżuri ta' organizzattivi xierqa;

(iii) meta l-espożizzjoni ma' tistax tkun evitata b'mezzi oħra, l-applikazzjoni ta' miżuri protettivi individwali inkluż apparat protettiv personali.

(3) Il-miżuri msemmija fis-subregolament (2) ta' dan r-regolament għandhom isiru flimkien ma' sorveljanza tas-saħħa skond ir-regolament 10 jekk dawn ikunu adatti għax-xorta tar-riskju.

(4) Kemm-il darba min iħaddem ma' jurix b'mod ċar b'mezzi oħra ta' evalwazzjoni li, skond is-subregolament (2), intlaħqu

livelli ta' prevenzjoni u protezzjoni adegwati, min iħaddem għandu fuq bażi regolari u meta isir xi tibdil fil-kundizzjonijiet li jistgħu jolqtu l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal aġenti kimiċi, jieħu dak il-kejl ta' aġenti kimiċi li jistgħu jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol li huma neċesarji, b'mod partikolari rigward valuri ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalihom fuq il-post tax-xogħol.

(5) (a) Min iħaddem għandu jqis ir-riżultati tal-proċeduri msemmija fis-subregolament(4) ta' dan ir-regolament waqt li jissodisfa l-obbligi skond, jew li jirriżultaw bħala konsegwenza tar-regolament 4.

(b) F'kull każ, meta valur preskritt b'regolamenti ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalih fuq il-post tax-xogħol jinqabeż, min iħaddem għandu minnufih jieħu passi waqt li jqis ix-xorta ta' dak il-limitu sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni billi jsegwi miżuri preventivi u protettivi.

(6) Abbażi ta' l-evalwazzjoni globali ta' u l-prinċipji ġenerali għall-prevenzjoni tar-riskji fir-regolamenti 4 u 5, min iħaddem għandu jieħu miżuri tekniċi u, jew ta' organizazzjoni xierqa għax-xorta tal-operazzjoni, inkluż irfieħ, użu u segregazzjoni ta' aġenti kimiċi mhux kompatibbli, waqt li jipprovdi protezzjoni tal-ħaddiema minn periklu ġej mill-proprjetajiet fiżiko-kimiċi tal-aġenti kimiċi. B'mod partikolari għandu jieħu miżuri f'ordni ta' preċedenza sabiex:

(a) jevita l-preżenza fil-post tax-xogħol ta' konċentrazzjonijiet perikolużi ta' sustanzi li jaqbdu jew kwantitajiet perikolużi ta' sustanzi kimiċi mhux stabbli jew, fejn ix-xorta tax-xogħol ma' tippermettix dan, li

(b) jevita l-preżenza ta' sorsi li jaqbdu jew li jistgħu iwasslu għal nirien u splużjonijiet, jew kundizzjonijiet negattivi li jistgħu jikkawżaw sustanzi li m'humiex kimikament stabbli jew taħlit ta' sustanzi sabiex iwasslu għal effetti fiżiċi perikolużi, u

(c) jnaqqas l-effetti ħżiena għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fil-każ ta' ħruq jew splużjoni minħabba li jkunu tqabbdu sustanzi li jaqbdu, jew effetti fiżiċi perikolużi li jkunu ġejjin minn sustanzi kimikament mhux stabbli jew taħlit ta' sustanzi.

(7) L-apparat tax-xogħol u sistemi protettivi provduti minn min iħaddem għall-protezzjoni tal-ħaddiema għandu jkun konformi ma d-disposizzjonijiet nazzjonali rilevanti dwar d-disinn, manifattura u provvista rigward saħħa u sigurtà.

(8) Min iħaddem għandu jieħu miżuri sabiex jipprovdi kontroll suffiċjenti ta' l-impjant, apparat u makkinarju jew jipprovdi apparat li jnaqqas splużjonijiet jew arranġamenti li jtaffu l-pressa ta' splużjonijiet.

Arranġamenti għall-inċidenti u għall-emerġenzi

7. (1) Il-miżuri ta' l-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u evakwazzjoni kif ukoll is-sistemi ta' avviz u komunikazzjoni relatati ma' suġġetti koperti b'dawn ir-regolamenti inkluż l-iskedi tagħhom għandhom ikunu skond ir-regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ewwel Għajnuna fuq il-Post tax-Xogħol, Regolamenti ta' l-2002 dwar Ħtiġijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u r-Regolamenti tal-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(2) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn qabel imsemmi, min iħaddem għandu, biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn xi inċident jew emerġenza relatata mal-preżenza fil-post tax-xogħol ta' kimika perikoluża, jistabbilixxi proċeduri jew pjanijiet ta' azzjoni li jistgħu jitħaddmu jekk tinqala' tali eventwalita', biex tkun tista tittieħed azzjoni skond il-ħtieġa. Dawn l-arranħamenti għandhom jinkludu eżercizzji ta' sigurta' rilevanti li għandhom isiru f'intervalli regolari, kif ukoll faċiltajiet għall-ewwel għajnuna skond il-ħtieġa.

(3) F'każ tal-okkorrenza ta' xi wieħed mill-każijiet isemmija fil-paragrafu preċedenti, min iħaddem irid jieħu passi immedjati biex inaqqas l-effetti ta' dak li ġara u biex jinforma lill-ħaddiema involuti. Biex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi għan-normal, min iħaddem għandu jimplimenta mill-iktar fis possibli miżuri biex is-sitwazzjoni tiġi għan-normal, u għandu jħalli jidħlu biss fil-lok milqut lil dawk il-ħaddiema li huma essenzjali biex tissewwa l-ħsara jew li jkunu meħtieġa biex isir ix-xogħol neċessarju.

(4) Ħaddiema li jkollhom il-permess mingħand min iħaddem biex jidħlu fil-lok milqut, għandhom ikunu provduti bi ħwejjeġ protettivi skond il-ħtieġa, apparat personali protettiv, apparat u impjanti tas-sigurtà speċjalizzati, u li għandhom jużaw sakemm iddum tali sitwazzjoni. Min iħaddem għandu jiżgura li s-sitwazzjoni ma titħalliex issir permanenti.

(5) Min iħaddem għandu jieħu dawk il-passi skond il-ħtieġa biex jiżgura li ebda persuna li ma tkunx protetta ma titħalla tidħol jew li tibqa' fil-lok milqut.

(6) Min iħaddem irid jieħu dawk il-miżuri neċessarji biex jipprovdi sistemi ta' twissija u ta' kommunikazzjoni oħra meħtieġa biex

jagħtu sinjal ta' zieda fir-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà jekk dan iseħħ, u biex jinbdew mill-ewwel, jekk tqum il-ħtieġa, azzjonijiet rimedjali, assistenza, il-ħruġ tan-nies mil-lok, u għal operazzjonijiet ta' salvataġġ

(7) Min iħaddem għandu jiżgura illi informazzjoni dwar arranġamenti għall-emerġenzi li jinvolvu aġenti kimiċi perikolużi tkun disponibbli, inkluż għas-servizzi ta' inċidenti u ta' emerġenza interni u esterni, u għal dan il-għan għandu jagħti preavviż tal-perikli fix-xogħol rilevanti, tal-arranġamenti għall-identifikazzjoni tal-perikli, tal-prekawzjonijiet u proċeduri, u dan biex is-servizzi għall-emerġenzi jkunu jistgħu jippreparaw għalihom proċeduri dwar kif ser jaġixxu u miżuri ta' prekawzjoni.Min iħaddem għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar perikli speċifiċi, li jinqalgħu, jew li jistgħu jinqalgħu waqt inċident jew emerġenza, inkluża informazzjoni dwar proċeduri ppreparata skond kif meħtieġa f'dawn ir-regolamenti.

Informazzjoni u taħriħ għall-ħaddiema

8. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2003 dwar– Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, rigward informazzjoni u taħriġ ta' ħaddiema, min iħaddem għandu jiżgura li:

(i) ħaddiema u jew r-rappreżentanti tagħhom huma provduti

a) b'informazzjoni miksuba skond r-regolament 4 ta' dawn r-regolamenti u, ikunu informati wkoll kull meta tibdil maġġuri fuq il-post tax-xogħol iwassal għal tibdil f'din l-informazzjoni,

b) b'informazzjoni fuq l-aġenti kimiċi perikolużi li jkun hemm fuq l-post tax-xogħol, bħal l-identita' ta' dawk l-aġenti, ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà, valuri ta' limitu li wieħed jista' jkun espost għalihom fuq il-post tax-xogħol u disposizzjonijiet leġislattivi oħra,

c) b'taħriġ u informazzjoni dwar prekawzjonijiet xierqa u azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jipproteġu lilhom nfushom u ħaddiema oħra fuq l-post tax-xogħol,

d) b'aċċess għal kull *safety data sheet* provdut mill-fornitur u

(ii) illi l-informazzjoni tkun:

(a) provduta b'mod xieraq skond ir-riżultat tal-evalwazzjoni tar-riskju skond r-regolament 4 ta' dawn r-regolamenti. Dan jista' jvarja minn komunikazzjoni verbali għal istruzzjonijiet individwali u taħriġ mgħejjun minn informazzjoni bil-miktub, skond x-xorta u l-grad tar-riskju determinat bl-eżami meħtieġ bl-imsemmi regolament,

(b) aġġornata sabiex tieħu akkont taċ-ċirkostanzi li jkunu qed jitbiddlu.

(2) Fejn kontenituri u pajpijiet għal aġenti kimiċi perikolużi użati fuq l-post tax-xogħol ma jkunux immarkati skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, min iħaddem, għandu, mingħajr ħsara għal xi derogi provduti fir-regolamenti, jiżgura illi l-kontenut tal-kontenituri u pajpijiet, flimkien max-xorta ta' dak il-kontenut u xi periklu assoċjat, ikun identifikabbli b'mod ċar.

Projbizzjonijiet

9. (1) Sabiex ikun evitat illi ħaddiema jkunu esposti għal riskji għas-saħħa minn ċertu aġenti kimiċi, u, jew għal ċerti attivitajiet li jinvolvu aġenti kimiċi, il-produzzjoni, manifattura jew użu fuq il-post tax-xogħol ta' aġenti kimiċi u l-attivitajiet provduti fl-iskeda III għndhom ikunu projbiti sa fejn hemm speċifikat

(2) (a) Il-Ministru jista' jipperemtti derogi mir-rekwiżiti tas-subregolament (1) paragrafu fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

i) għall-uniku fini ta' riċerka u ttestjar xjentifiku, inkluż analiżi,

ii) għall-attivitajiet intiżi sabiex jeliminaw aġenti kimiċi li jkunu preżenti fil-forma ta' prodotti li joħorġu minnhom jew prodotti ta' skart,

iii) għall-produzzjoni ta'l-aġenti kimiċi msemmija fis-subregolament (1) għall-użu bħala intermedjarji, u għal dan l-użu.

(b) L-espożizzjoni ta' ħaddiema għall-aġenti kimiċi msemmija fis-subregolament (1) ma għandhiex titħalla ssir, b'mod partikolari billi jkun provdut illi l-produzzjoni u l-użu mill-iktar kmieni possibbli ta' dawn l-aġenti kimiċi bħala intermedjarji għandha isseħħ f'sistema singola magħluqa li minnha l-imsemmija aġenti kimiċi jistgħu jitneħħew biss sa fejn hu neċessarju sabiex ikun osservat il-proċess jew biex jingħata servizz lis-sistema.

(c) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu għal sistemi ta' awtorizzazzjoni individwali.

(3) Derogi konformi mal-paragrafu 2 jistgħu jingħataw wara li min iħaddem jgħaddi lill-Awtorità l-informazzjoni li ġejja:

a) ir-raġuni għaliex tkun qed tintalab id-deroga,

b) il-kwantità ta' aġenti kimiċi li ser jintużaw kull sena,

c) l-attivitajiet u, jew reazzjonijiet jew proċessi involuti,

d) in-numru ta' ħaddiema li jistgħu jkunu involuti,

e) il-prekawzjonijiet intiżi sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema in kwistjoni,

f) l-miżuri tekniċi u ta' organizazzjoni meħuda biex jipprevjenu li jiġu esposti ħaddiema.

(4) L-Ministru jista' jemenda l-lista ta' projbizzjonijiet taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament sabiex tinkludi aktar aġenti kimiċi jew attivitajiet.

Sorveljanza tas-saħħa

10. (1) (a) Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull ħaddiem li, jekk ikun hekk jixtieq, jirċievi sorveljanza tas-saħħa f'intervalli regolari, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti sabiex issir sorveljanza skond il-każ tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom r-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fir-regolament 4 ta' dawn r-regolamenti juri riskju għas-saħħa, u tali eżamijiet għandhom ikunu disponibbli għall-Awtorità.

(b) Is-sorveljanza tas-saħħa, li r-riżultati tagħha għandhom jitqiesu meta jiġu applikati miżuri preventivi fil-post tax-xogħol speċifiku, tkun adatta meta:

i) l-espożizzjoni tal-ħaddiem għal aġent kimiku ta' periklu hija tali li marda jew effetti negattivi identifikabbli għas-saħħa jistgħu ikunu relatati ma' l-espożizzjoni, u

ii) jkun hemm ċans li l-marda jew l-effetti jistgħu iseħħu taħt il-kundizzjonijiet partikolari tax-xogħol tal-ħaddiem, u

iii) it-teknika ta' l-investigazzjoni tkun ta' riskju baxx għall-ħaddiema.

(c) Aktar min hekk, għandu jkun hemm tekniki validi sabiex jiġu skoperti indikazzjonijiet tal-marda jew ta' l-effett.

(d) Meta valur ta' limitu bijoloġiku ikun ġie preskritt skond kif indikat fi Skeda II, is-sorveljanza tas-saħħa għandha tkun rekwiżit mandatorju għax-xogħol bl-aġent kimiku perikoluż in kwistjoni, skond l-proċeduri f'dik l-Iskeda. Il-ħaddiema għandhom ikunu informati b'dan ir-rekwiżit qabel ma' jingħataw dak ix-xogħol li jinvolvi riskju li wieħed ikun espost għall-aġent kimiku perikoluż indikat.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li għal kull ħaddiem li jirċievi sorveljanza tas-saħħa skond r-rekwiżiti ta' s-subregolament (1), għandhom isiru u jinżammu aġġornati id-dokumenti individwali tas-saħħa u ta' l-espożizzjoni.

(3) (a) Dokumenti tas-saħħa u ta' espożizzjoni għandu jkollhom sommarju tar-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa li tkun seħħet u ta' kull tagħrif rappreżentattiv ta' monitoraġġ ta'l-espożizzjoni tal-individwu. Monitoraġġ bijoloġiku u rekwiżiti relatati jistgħu jiħu inklużi fis-sorveljanza tas-saħħa.

(b) Dokumenti tas-saħħa u ta' espożizzjoni għandhom jinżammu f'forma xierqa sabiex jippermettu konsultazzjoni f'data futura, fil-waqt li jittieħed akkont ta' kull konfidenzjalita'.

(c) Kopji ta' d-dokumenti adatti għandhom ikunu fornuti lill-Awtorità meta dawn jiġu hekk mitluba. Il-ħaddiem individwali għandu, fuq talba tiegħu, ikollu aċċess għad-dokumenti tas-saħħa u ta' espożizzjoni relatati miegħu personalment.

(d) Fejn impriża tieqaf minn negozju, d-dokumenti tas-saħħa u ta' espożizzjoni għandhom isiru aċċessibbli għall-Awtorità, jew għall-ħaddiem involut skond ma jkun il-każ.

(4) Fejn, bħala riżultat tas-sorveljanza tas-saħħa:

a) ħaddiem jinstab li għandu marda jew effett negattiv identifikabbli fuq is-saħħa li huwa ikkunsidrat minn tabib jew persuna oħra kompetenti li huwa riżultat ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol għal aġent kimiku perikoluż, jew

b) valur ordnat ta' limitu bijoloġiku jinstab li jkun inqabeż,

il-ħaddiem għandu jkun informat mit-tabib jew minn persuna oħra kompetenti kif adatt bir-riżultat li jkun jirrigwarda lilu personalment, inkluża kull informazzjoni u parir rigward

sorveljanza tas-saħħa li huwa għandu jsegwi fl-aħħar ta' l-espożizzjoni. Min iħaddem għandu:

i) jirrevedi l-evalwazzjoni tar-riskju magħmul skond r-regolament 4(1),

ii) jirrevedi l-miżuri provduti sabiex ikunu eliminati jew mnaqqsa r-riskji skond regolamenti 5 u 6,

iii) jieħu akkont tal-parir tal-persuna kompetenti jew tal-Awtorità sabiex jimplimenta kull miżura meħtieġa sabiex ikun eliminat jew imnaqqas r-riskju skond ir-regolament 6, inkluża l-possibilita' li l-ħaddiem jingħata xogħol alternattiv fejn m'hemmx riskju li jkun espost aktar, u

iv) jagħmel arranġamenti għal sorveljanza tas-saħħa kontinwa u jipprovdi revizjoni ta' l-istat tas-saħħa ta' xi ħaddiem ieħor li jkun espost bl-istess mod. F'dawn il-każijiet, t-tabib jew persuna kompetenti jew l-Awtorità jistgħu jipproponu li l-persuni esposti jagħmlu eżami mediku.

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema

11. Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom fil-materji koperti minn dawn ir-regolamenti, inklużi l-Iskedi tagħhom, għandhom iseħħu skond r-Regolamenti tal-2003 dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Siġurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Fuq min taqa l-prova

12. F' dawk il-proċedimenti dwar reat li jsiru taħt dawn ir-regolamenti li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieħa li ssir xi ħaħa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raħun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaħa, ikun l-akkużat li għandu jġib prova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raħun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt ikun sar biex iwettaq id-dmir jew il-ħtieħa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw biex iwettaq id-dmir jew il-ħtieħa.

13. L-Awtorità tista tagħmel gwidi prattiċi ta' xorta li ma torbotx. Dawn l-gwidi għandhom jindirizzaw il-materji msemmija f'regolamenti 3, 4, 5 u 6, u t-II Skeda, sezzjoni 1.

Reati.

14. Kull min xjentament jew bi traskuraġni jindaħal fil-proċess li jiġu pprovdut post tax-xogħol sigur u bla periklu, ikun ħati ta' reat.

SKEDA I

LISTA TA' VALURI TA' LIMITU LI JORBTU LI WIEĦED JISTA JKUN ESPOST GĦALIHOM FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Isem tal-aġent	EINECS Nru [1]	CAS Nru [2]	Valur ta' limitu li wieħed jista' jkun espsot għalih fuq l-post tax-xogħol tul 8 sieġħat [3]		Valur ta' limitu li wieħed jista' jkun espsot għalih fuq l-post tax-xogħol tul żmien qasir [4]	
			mg/m 3 [5]	ppm [6]	mg/m 3	ppm
Ċomb inorganiku u l-komponenti tiegħu			0,15			

[1] EINECS: Inventarju Ewropew dwar sustanzi kimiki kummerċjali eżistenti.

[2] CAS: servizz ta' kimika astratta.

[3] Mkejjel jew kalkulat skont perjodu ta' referenza ta' tmien sieġħat medja mkejjla bil-ħin.

[4] Valur ta' limitu li 'l fuq minnu ma għandux ikun hemm espożizzjoni u huwa relatat għall-perjodu ta' ħmistax-il minuta, sakemm ma' jingħadx xort'oħra.

[5] mg/m 3 = milligrammi kull metru kubu ta' arja f' 20 HC u 101,3 kPa.

[6] ppm = parti minn miljun b'volum ta' arja (ml/m 3).

SKEDA II
Limiti ta' Valuri Bijoloġiċi li Jorbtu u Miżuri ta' Sorveljanza tas-Saħħa

1. Ċomb u l-komponenti joniċi tiegħu

1.1. Monitoraġġ bijoloġiku għandu jinkludi l-kejl tal-livell taċ-ċomb fid-demm (PbB) billi tintuża *absorption spectrometry* jew metodu li jagħti riżultati ekwivalenti. Il-valur ta' limitu bijoloġiku li jorbot huwa:

70 µg Pb/100 ml demm

1.2 Issir sorveljanza medika jekk:

- l-espożizzjoni għal konċentrazzjoni taċ-ċomb fl-arja tkun akbar minn 0,075 mg/m 3 , ikkalkulata bħala medda mkejjla bil-ħin ta' aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa, jew
- jitkejjel livell ta' ċomb fid-demm ogħla minn 40 lg Pb/100 ml demm f'ħaddiema individwali.

1.3 Ġwidi prattiċi għal monitoraġġ bijoloġiku u s-sorveljanza medika għandhom ikunu żviluppati skond r-regolament 13. Dawn għandhom jinkludu rakomandazzjonijiet ta' indikaturi bijoloġiċi (e.ż. ALAU, ZPP, ALAD) u strateġiji ta' monitoraġġ bijoloġiku.

SKEDA III
PROJBIZZJONIJIET

Il-produzzjoni, manifattura jew l-użu fuq ix-xogħol ta' dawk l-aġenti kimiċi jew attivatijiet li jinvolvu l-aġenti kimiċi msemmija hawn iktar 'l isfel huma projbiti. Din il-projbizzjoni ma tapplikax jekk l-aġent kimiku huwa preżenti f'aġent kimiku ieħor, jew bħala parti mill-iskart, sakemm il-konċentrazzjoni individwali hija inqas mil-limitu speċifikat.

(a) Aġenti kimiċi

EINECS Nru [1]	CAS Nru [2]	Isem tal-aġent	Limitu ta' konċentrazzjoni għal eżenzjoni
202-080-4	91-59-8	2-naphthylamine u s-*salts* tiegħu	0,1 % w/w
202-177-1	92-67-1	4-aminodiphenyl u s-*salts* tiegħu	0,1 % w/w
202-199-1	92-87-5	Benzidine u s-*salts* tiegħu	0,1 % w/w
202-204-7	92-93-3	4-nitrodiphenyl	0,1 % w/w

[1] EINECS: Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kimiċi Kummerċjali eżistenti

[2] CAS: Servizz ta' Estratti Kemikali (Chemical Abstracts Service)

(b) Attivatijiet tax-xogħol

Ebda attivita'.

SKEDA IV

Sustanzi perikolużi

Dawn li ġejjin għandhom ikunu meqjusi perikolużi skond it-tifsir ta' dawn r-regolamenti:

(a) sustanzi splussivi u preparazzjonijiet: solidi, likwidi, f'forma ta' *paste* jew sustanzi ġelatinużi u preparazzjonijiet li jistgħu ukoll jirreaġixxu eżotermikament mingħajr ossiġenu ta' l-atmosfera hekk li malajr iqanqlu gassijiet, u li, taħt kundizzjonijiet ta' eżami definiti, jfaqqaw, malajr jinħarqu jew meta jkunu msaħħna jisplodu meta jkunu magħluqa parzjalment;
(b) sustanzi ossidanti u preparazzjonijiet: sustanzi u preparazzjonijiet li jwasslu għal reazzjoni qawwija eżotermika f'kuntatt ma' sustanzi oħra, partikolarment sustanzi li jaqbdu;
(c) sustanzi u preparazzjonijiet li jaqbdu faċilment: sustanzi likwidi u preparazzjonijiet li għandhom *flash-point* baxxa ħafna u temperatura ta' togħlija baxx u sustanzi tal-gass u preparazzjonijiet li jaqbdu meta jiġu f'kuntatt ma' l-arja f'temperatura u pressjoni ambjentali;
(d) sustanzi u preparazzjonijiet li jaqbdu malajr:
- sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu isiru jaħarqu u fl-aħħar jaqbdu f'kuntatt mal-arja f'temperatura ambjentali mingħajr ebda applikazzjoni ta' enerġija, jew
- sustanzi solidi u preparazzjonijiet li jistgħu faċilment jaqbdu n-nar wara kuntatt qasir ma' sors li jqabbad u li jkomplu jaqbdu jew jinħarqu wara li jitneħħa s-sors li jqabbad, jew
- sustanzi u preparazzjonijiet likwidi li għandhom *flash-point* baxx ħafna, jew
- sustanzi u preparazzjonijiet li, f'kuntatt mal-ilma jew arja umda, joħolqu gassijiet li jaqbdu b'mod faċli ħafna fi kwantitajiet perikoluż;
(e) sustanzi li jaqbdu u preparazzjonijiet: sustanzi likwidi u preparazzjonijiet li għandhom *flash-point* baxx;
(f) sustanzi tossiċi ħafna u preparazzjonijiet: sustanzi u preparazzjonijiet li fi kwantitajiet baxxi ħafna jikkaġunaw mewt jew ħsara kronika jew akuta għas-saħħa meta jittieħed il-ġewwa bin-nifs, jinbela jew ikun assorbit mill-ġilda;
(g) sustanzi tossiċi u preparazzjonijiet: sustanzi u preparazzjonijiet li fi kwantitajiet baxxi jikkaġunaw mewt jew ħsara kronika jew akuta għas-saħħa meta jittieħed il-ġewwa bin-nifs, jinbela jew ikun assorbit mill-ġilda;
(h) sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż: sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jikkaġunaw mewt jew ħsara kronika jew akuta għas-saħħa meta jittieħed il-ġewwa bin-nifs, jinbela jew ikun assorbit mill-ġilda;
(i) sustanzi korroživi u preparazzjonijiet: sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu, f'kuntatt ma' *tissues* ħajjin, jeqirduhom;

(j) sustanzi u preparazzjonijiet irritanti: sustanzi mhux korrożivi u preparazzjonijiet li, permezz ta' kuntatt immedjat, imtawwal jew ripetut mal-ġilda jew *mucous membrane*, jistgħu jikkaġunaw infjammazzjoni;

(k) sustanzi u preparazzjonijet li jissensitiżżaw: sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk jittieħdu 'l ġewwa bin-nifs jew jekk jippenetraw il-ġilda, huma kapaċi li jqanqlu reazzjoni ta' ipersensittita' tali li meta jerġa jkun espost għas-sustanza ta' preparazzjoni, jiġu prodotti effetti kontrarji karatteristiċi;

(l) sustanzi u preparazzjonijiet meqjusa karċinoġeniċi: sustanzi jew preparazzjonijiet li, jekk jittieħdu 'l ġewwa bin-nifs jew jittieklu jew jekk jippenetraw mill-ġilda, jistgħu iwasslu għall-kanċer jew iżidu l-inċidenza tiegħu;

(m) sustanzi u preparazzjonijiet mutaġeniċi: sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk jittieħdu 'l ġewwa bin-nifs jew jittieklu jew jekk jippenetraw mill-ġilda, jistgħu iwasslu għall-difetti ġenetiċi li jintirtu jew iżidu l-inċidenza tagħhom;

(n) sustanzi u preparazzjonijiet li huma tossiċi għar-riproduzzjoni: sustanzi u preparazzjonijiet li, jekk jittieħdu 'l ġewwa bin-nifs jew jittieklu jew jekk jippenetraw mill-ġilda, jistgħu jwasslu għal jew iżidu l-inċidenza ta' effetti kuntrarji li ma jintirtux fir-razza u, jew ħsara tal-funzjonijiet jew kapaċita riproduttiva maskili jew femminili.

SKEDA V

VALURI TA' LIMITU INDIKATTIVI LI WIEĦED JISTA JKUN ESPOST GĦALIHOM FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Einecs (1)	CAS (2)	Isem tal-aġent	Valuri ta' limitu				Notament (3)
			Tmien sieghat (4)		Żmien qasir (5)		
			mg/m 3 (6)	ppm (7)	mg/m 3 (6)	ppm (7)	
200-467-2	60-29-7	Diethylether	308	100	616	200	-
200-662-2	67-64-1	Acetone	1 210	500	-	-	-
200-663-8	67-66-3	Chloroform	10	2	-	-	Ġilda
200-756-3	71-55-6	1,1,1-Trichloroethane	555	100	1 110	200	-
200-834-7	75-04-7	Ethylamine	9,4	5	-	-	-
200-863-5	75-34-3	1,1□ Dichloroethane	412	100	-	-	Ġilda
200-870-3	75-44-5	Phosgene	0,08	0,02	0,4	0,1	-
200-871-9	75-45-6	Chlorodifluoromethane	3 600	1 000	-	-	-
201-159-0	78-93-3	Butanone	600	200	900	300	-
201-176-3	79-09-4	Propionic acid	31	10	62	20	-
202-422-2	95-47-6	o-Xylene	221	50	442	100	Ġilda
202-425-9	95-50-1	1,2-Dichlorobenzene	122	20	306	50	Ġilda
202-436-9	95-63-6	1,2,4-Trimethylbenzene	100	20	-	-	-
202-704-5	98-82-8	Cumene	100	20	250	50	Ġilda
202-705-0	98-83-9	2-Phenylpropene	246	50	492	100	-
202-849-4	100-41-4	Ethylbenzene	442	100	884	200	Ġilda
203-313-2	105-60-2	e-Caprolactam, (dust and vapour)	10	-	40	-	-
203-388-1	106-35-4	Heptan-3-one	95	20	-	-	-
203-396-5	106-42-3	p-Xylene	221	50	442	100	Ġilda
203-400-5	106-46-7	1,4-Dichlorobenzene	122	20	306	50	-
203-470-7	107-18-6	Allyl alcohol	4,8	2	12,1	5	Ġilda
203-473-3	107-21-1	Ethylene glycol	52	20	104	40	Ġilda
203-539-1	107-98-2	1-Methoxypropanol-2	375	100	568	150	Ġilda
203-550-1	108-10-1	4-Methylpentan-2-one	83	20	208	50	-
203-576-3	108-38-3	m-Xylene	221	50	442	100	Ġilda
203-603-9	108-65-6	2-Methoxy-1-methylethylacetate	275	50	550	100	Ġilda
203-604-4	108-67-8	Mesitylene (Trimethylbenzes)	100	20	-	-	-
203-628-5	108-90-7	Chlorobenzene	47	10	94	20	-

203-631-1	108-94-1	Cyclohexanone	40,8	10	81,6	20	Ġilda
203-632-7	108-95-2	Phenol	7,8	2	-	-	Ġilda
203-726-8	109-99-9	Tetrahydrofuran	150	50	300	100	Ġilda
203-737-8	110-12-3	5-Methylhexan-2-one	95	20	-	-	-
203-767-1	110-43-0	Heptan-2-one	238	50	475	100	Ġilda
203-808-3	110-85-0	Piperazine	0,1	-	0,3	-	-
203-905-0	111-76-2	2-Butoxyethanol	98	20	246	50	Ġilda
203-933-3	112-07-2	2-Butoxyethyl acetate	133	20	333	50	Ġilda
204-065-8	115-10-6	Dimethylether	1 920	1 000	-	-	-
204-428-0	120-82-1	1,2,4-Trichlorobenzene	15,1	2	37,8	5	Ġilda
204-469-4	121-44-8	Triethylamine	8,4	2	12,6	3	Ġilda
204-662-3	123-92-2	Isopentylacetate	270	50	540	100	-
204-697-4	124-40-3	Dimethylamine	3,8	2	9,4	5	-
204-826-4	127-19-5	N,N-Dimethylacetamide	36	10	72	20	Ġilda
205-480-7	141-32-2	n-Butylacrylate	11	2	53	10	-
205-563-8	142-82-5	n-Heptane	2 085	500	-	-	-
208-394-8	526-73-8	1,2,3-Trimethylbenzene	100	20	-	-	-
208-793-7	541-85-5	5-Methylheptan-3-one	53	10	107	20	-

Einecs (1)	CAS (2)	Isem tal-aġent	Valuri ta' limitu				Notament (3)
			Tmien sieghat (4)		Qasir żmien (5)		
			mg/m 3 (6)	ppm (7)	mg/m 3 (6)	ppm (7)	
210-946-8	626-38-0	1-Methylbutylacetate	270	50	540	100	-
211-047-3	628-63-7	Pentylacetate	270	50	540	100	-
	620-11-1	3-Pentylacetate	270	50	540	100	-
	625-16-1	Amylacetate, tert	270	50	540	100	-
215-535-7	1330-20-7	Xylene, mixed isomers, pure	221	50	442	100	Ġilda
222-995-2	3689-24-5	Sulphotep	0,1	-	-	-	Ġilda
231-634-8	7664-39-3	Hydrogen fluoride	1,5	1,8	2,5	3	-
231-131-3	7440-22-4	Silver, metallic	0,1	-	-	-	-
231-595-7	7647-01-0	Hydrogen chloride	8	5	15	10	-
231-633-2	7664-38-2	Orthophosphoric acid	1	-	2	-	-
231-635-3	7664-41-7	Ammonia, anhydrous	14	20	36	50	-

231-954-8	7782-41-4	Fluorine	1,58	1	3,16	2	-
231-978-9	7783-07-5	Dihydrogen selenide	0,07	0,02	0,17	0,05	-
233-113-0	10035-10-6	Hydrogen bromide	-	-	6,7	2	-
247-852-1	26628-22-8	Sodium azide	0,1	-	0,3	-	Ġilda
252-104-2	34590-94-8	(2-Methoxymethylethoxy)-propanol	308	50	-	-	Ġilda
		Fluorides, inorganic	2,5	-	-	-	-

(1) Einecs: Inventarju Ewropew dwar sustanzi kimiċi eżistenti.

(2) CAS: Numru tar-reġistru tas-servizz ta' kimika astratta.

(3) Notament tal-ġilda assenjat lill-OEL li jidentifika l-possibilta' ta' dhul sinifikanti mill-ġilda.

(4) Mkejjel jew kalkulat skond perjodu ta' referenza ta' tmien sieghat medja mkejjla biż-żmien.

(5) Valur ta' limitu li 'l fuq minnu m'ghandux ikun hemm espożizzjoni u li huwa relatat ghall-perjodu ta' hmistax-il minuta, sakemm ma' jinghadx xort'ohra.

(6) mg/m 3 : milligrammi kull metru kubu ta' arja f' 20 □C a d 101,3 KPa.

(7) ppm: parti minn miljun b'volum ta' arja (ml/m 3).